MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2006

Numru 613/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**vs**

**John Bilocca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha John Bilocca ta' 48 sena iben Ferdinand u Emilia xebba Cachia, mwieled Zurrieq nhar 19 ta' Marzu 1956 u residenti No. 7 Santa Maria, Triq Bir Miftuh, Gudja, detentur tal-karta ta' l-identita` 216456M gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru

disposizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) fix-xahar ta' Marzu 2004 u xhur ta' qabel iddistrugga jew ma halliex shih, dokumenti, processi jew karti ohra, registri jew xi hwejjeg ohra li jkunu qeghdin fl-arkivji pubblici jew f'ufficcji ohra pubblici jew li jkunu moghtija f'idejn depozitorju jew ufficjal iehor pubbliku minhabba l-kariga tieghu.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. SV3 u nnutat li l-imputat John Bilocca m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Robert Abela, iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difesnur tieghu Dr Robert Abela, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Robert Abela ghall-imputat iddikjaraw illi tenut kont il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, li jirrizulta minn verifiki li ghamlu l-istess Ufficjal Prosekutur u Dr Robert Abela li l-imputat kien dejjem biezel f'xoghlu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jaqblu li fil-kaz de quo ma jkunx idoenu li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija u li l-Qorti gentilment ghandha tikkunsidra li fl-ghoti tas-Sentenza taghha tirrakomanda lill-Awtoritatjiet koncernati li l-imputat ma jitlifx l-impjieg odjern tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 144(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat John Bilocca, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u dak dikjarat fil-Verbal ta’ llum mill-Ufficjal Prosekutur u Dr Robert Abela ghall-imputat u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza tillibera lill-istess imputat John Bilocca taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat John Bilocca l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, wara li qieset dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum mill-Ufficjal Prosekutur u Dr Robert Abela ghall-imputat u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tirrakomanda lil-Awtoritajiet koncernati li l-imputat ma jitlifx l-impjieg odjern tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------